MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1579/2004

**Jimcam Enterprises Limited**

**Vs**

**Zarb Coaches Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta’ attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm145) rapprezentanti bilanc allegatament dovut mis-socjeta’ konvenuta ghall-bejgh ta’ prodotti.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha wiegbet illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u fil-mertu minghajr

pregudizzju ghall-premess is-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Jimmy Camilleri u Emanuel Zarb.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra s-sentenza in parte li nghatat fil-15 ta' Dicembru, 2004 li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra**

Mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti jidher illi l-kontestazzjoni mertu tal-kawza tikkoncerna l-bilanc ta' mija u hames liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm105.57c) mill-allegat prezz ta' *spray-gun* li skond l-attur gie mibjugh fil-25 ta' Marzu, 1999.

Il-konvenut jghid li fil-fatt huwa qatt ma xtara dan l-i*spray-gun* izda li fil-fatt dan l-i*spray-gun* inghata lilu billi huwa kien klijent tajjeb u nghata lilu b'xejn. Huwa zied jafferma illi kieku kien ser jixtri *spray-gun* ma kienx jixtri *spray-gun* ta' dak il-valur.

Illi fil-fatt it-Tribunal jinnota li bejn Marzu u Mejju 1999 hargu tlett *invoices* li sa dak iz-zmien kienu jgibu bilanc ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm226.33c) u fl-1 ta' Lulju, 1999 sar pagament ta' mija u disa' liri Maltin u tlett centezmi (Lm109.03c) biex skond l-*accounts* esebiti a fol 13 tal-process deher bilanc ta' mija u sbatax-il lira Maltin u tletin centezmu (Lm117.30c). Dan l-ammont ta' mija u sbatax-il lira Maltin u tletin centezmu (Lm117.30c) ma jirrispekkjax il-valur ta' *spray-gun.*

Incidentalment fuq l-*invoice* qieghed immarkat ghal mija u disa' liri Maltin u tlett centezmi (Lm109.03c) u l-pagament ta' l-1 ta' Lulju, 1999 huwa ta' mija u disa' liri Maltin u tlett centezmi (Lm109.03c).

Illi t-Tribunal isibha qajla kredibbli illi fuq it-*transactions* li jidhru li saru bejn il-partijiet u li dwarhom saru provi f'din il-kawza, li totalment, minbarra l-valur ta' l-i*spray-gun* lanqas biss ilahhqu tlett mitt lira Maltin (Lm300), wiehed jaghti "rigal" li jiswa' terz tal-volum tal-bejgh.

Illi ghalhekk fuq din l-iskorta t-Tribunal m'huwiex konvint li l-i*spray-gun* inghata b'rigal. Ghaliex il-konvenut m'ilmentax li hareg invoice? It-Tribunal huwa sodisfatt li fil-fatt kien gie mibjugh mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u li konsegwentement ghandu jkun hemm il-hlas tieghu.

Del resto, l-i*spray-gun* intuza mis-socjeta' konvenuta li ghalhekk hadet il-beneficcju tieghu, tant illi mill-*invoice* ta' Mejju 1999 din anki hadet l-i*spray-gun* ghas-*service* – presumibilment entro z-zmien tal-garanzija ta' l-istess *spray-gun*.

Illi ghalhekk it-talba ghall-hlas ta' mija u hames liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm105.57c) tidher gustifikata.

Inoltre, l-atturi qieghdin jitolbu wiehed u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm31.93c) bhala interessi fuq din is-somma, cjoe' interessi sat-30 ta' Settembru, 2003 u din ukoll tidher gustifikata stante li hawnhekk qed nitkellmu fuq relazzjoni kummercjali bejn zewg kumpaniji.

Qed tintalab ukoll is-somma ta' seba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm7.50c) rapprezentanti Ittra t'avukat tas-27 t'April, 2003 u stante li mhux ikkontestat li din l-Ittra attwalment saret, din il-partita wkoll tidher gustifikata.

Illi ghalhekk jirrizulta illi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm145) bl-ispejjez u bl-interessi li jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------